TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 389/10

**Winston Fenech**
**vs**
**Learnkey Ltd.**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti prezz ta' kors li ma setax jagħmel l-eżamijiet.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ħallas għall-kors ta' kompjuter u meta ġie biex jagħmel l-eżamijiet, ma setax jagħmilhom għax il-*window time* kienet għalqet u għalhekk qiegħed jitlob il-flus lura.

L-intimat issottometta illi kellu kull opportunita' li jagħmel il-kors tant li kien infurmat bl-eżamijiet u kien ir-rikorrenti li m'attendiex għalihom.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li l-intimat huwa korrett f'dak li qed jgħid.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 2122...